

32003L0080

L 224/27

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.9.2003

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/80/KE
tal-5 ta' Settembru 2003**

**li tistabbilixxi simbolu li jindika d-durabilità tal-prodotti kosmetiċi fl-Anness VIIIa għad-Direttiva
tal-Kunsill 76/768/KEE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

L-Anness VIIIa għad-Direttiva 76/768/KEE għandu jinkludi s-simbolu li jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti kosmetiċi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾,

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-11 ta' Settembru 2004. Għandhom jikkommunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/15/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 1(11) tagħha,

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn il-miżuri għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodu ta' kif għandha ssir referenza bħal din għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

Billi:

- (1) Sabiex tiġi mtejjba l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi, il-prodotti kosmetiċi għandu jkollhom indikazzjonijiet preċiżi dwar id-durabilità tagħhom.
- (2) Għal prodotti kosmetiċi li jistgħu jdumu maħżunin 30 xahar jew aktar, għandu jkun hemm indikazzjoni tal-perjodu ta' żmien wara l-ftuħ tal-prodott, li fih il-prodott jista' jintuża mingħajr ħsara għall-konsumatur.
- (3) Għal dan il-għan, taħt l-Artikolu 6(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, hemm provdut għal simbolu segwit bil-perjodu msemmi.
- (4) Il-miżuri li għalihom hemm provdut taħt din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kosmetiċi,

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Settembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIKANEN


Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.

⁽²⁾ ĠU L 66, tal-11.3.2003, p. 26.

L-ANNEX

Is-simbolu li jirrappreżenta vażett tal-krema miftuħ kif għalih hemm provdut fl-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE ⁽¹⁾.



⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2003/15/KE.